

**Brussell, 30 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

**7765/22
ADD 1**

**ENER 115
ENV 306
CONSOM 76
COMPET 199
IND 98
MI 242**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 2026 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija 2022-2024

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 2026 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2022) 2026 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
C(2022) 2026 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija 2022-2024

{SWD(2022) 101 final}

ANNEX

tal-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija 2022-2024

Anness: Metodoloġija għall-Ekodisinn tal-Prodotti relatati mal-Enerġija (MEErP)

Il-Metodoloġija għall-Ekodisinn tal-Prodotti relatati mal-Enerġija (MEErP) ġiet żviluppata biex tipprovdi gwida operazzjonali lill-Kummissjoni Ewropea u lill-kuntratturi li jipprovduha b'assistenza teknika fit-twettiq tal-istudju preparatorju għall-Ekodisinn ta' prodott. Ir-rapporti sħaħ tal-metodoloġija u l-mudell tal-kalkolu huma disponibbli online¹. L-MEErP evolviet maż-żmien bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati. L-istadji amministrattivi u legali ta' wara l-istudju preparatorju mhumiex koperti mill-MEErP Madankollu, l-MEErP hija mfassla b'tali mod li r-riżultati tagħha jkunu jistgħu jiġu integrati f'Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni Ewropea.

L-MEErP hija magħmula minn seba' kompiti. L-ewwel erba' kompiti jinvolve l-ġbir ta' *data* u t-twettiq ta' analiżi inizjali. Dawn jindirizzaw:

- Kompitu 1 – Kamp ta' applikazzjoni (definizzjonijiet tal-prodotti, standards u leġiżlazzjoni);
- Kompitu 2 – Swieq (analiżi ekonomika u tas-suq, inklużi l-volumi u l-prezzijiet)
- Kompitu 3 – Utenti (id-domanda għall-prodotti, l-imġiba tal-konsumaturi u l-infrastruttura lokali);
- Kompitu 4 – Teknoloġiji (il-provvista tal-prodotti, li tinkludi l-Aqwa Teknoloġija Disponibbli (BAT) u l-Aqwa Teknoloġija li Għadha Mhux Disponibbli (BNAT));

Minbarra li jikkontribwixxu għall-Kompiti 5 sa 7, il-Kompiti 1 sa 4 għandhom l-iskop addizzjonali li jibnu l-kapaċità. Ir-rapporti tal-Kompiti 1 sa 4 jipprovdu lil dawk li jfasslu l-politika u lill-partijiet ikkonċernati l-isfond li jippermettilhom jifhmu l-problemi ta' xulxin u jipparteċipaw fi djalogu.

- Kompitu 5 – Ambjent u Ekonomija (Każ bażi² Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja u Kost taċ-Ċiklu tal-Ħajja);
- Kompitu 6 – Għażliet ta' disinn (potenzjal ta' titjib);
- Kompitu 7 – Xenarji (Analiżi tal-politika, tax-xenarju, tal-impatt u tas-sensittività).

¹ Methodology for Ecodesign of Energy- related Products - MEErP 2011 - Methodology Report - Part 1: Methods, <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/26525>, Methodology for Ecodesign of Energy- related Products - MEErP 2011 - Methodology Report - Part 2: Environmental policies and data, <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/26526>, EcoReport Calculations' template: <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/5308/attachments/1/translations>

² Prodott medju tal-UE wieħed jew aktar jew kategorija ta' prodott rappreżentattiva għandhom jintgħażlu bħala l-“każ bażi” għall-EU-27 kollha

Il-Kompiti 5 sa 7 huma maħsuba biex jipprovdu analiżi dwar jekk u, jekk iva, liema rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiġu stabbiliti għall-prodott relatat mal-enerġija inkwistjoni. Fil-Kompitu 5, il-“każ bażi” huwa identifikat permezz ta’ sinteżi tar-riżultati tal-Kompiti 1 sa 4. Il-każ bażi huwa astrazzjoni konxja tar-realtà u l-punt ta’ referenza għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta’ titjib u għall-analiżi tal-politika, tax-xenarju, tal-impatt u tas-sensittività.

L-għażliet tad-disinn, il-konsegwenzi tagħhom f’termini tal-Kost taċ-Ċiklu tal-Ħajja għall-konsumatur, il-kostijiet u l-benefiċċji ambjentali tagħhom, is-soluzzjoni bl-Anqas Kostijiet taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LLCC) u l-BAT jiġu identifikati fil-Kompitu 6. Aktar milli rekwiżiti minimi obbligatorji, il-BAT tindika mira fuq terminu medju li tista’ tkun xierqa għal miżuri promozzjonali. Il-BNAT tindika possibbiltajiet fit-tul u tgħin biex jiġu definiti eżattament il-kamp ta’ applikazzjoni u d-definizzjoni ta’ miżuri possibbli.

Fil-Kompitu 7 l-eżiti tal-kompiti preċedenti jinġabru flimkien biex jiġu esplorati mezzi ta’ politika xierqa biex jitwettaq il-potenzjal ta’ titjib. Dan joħloq xenarji b’diversi projezzjonijiet sal-2050 li jikkwantifikaw it-titjib li jista’ jinkiseb meta mqabbel max-xenarju ta’ żamma tal-istatus quo. L-eżiti jitqabblu mal-miri tal-UE u mal-kost soċjetali meħtieġ biex jinkiseb il-benefiċċju b’mod ieħor. L-impatti fuq il-konsumaturi (il-kapaċità tal-akkwist, il-kostijiet soċjetali) u l-industrija (l-impjiegi, il-profittabbiltà, il-kompetittività, il-livell ta’ investment) jiġu stmati, fejn jiġi deskritt u meqjus b’mod espliċitu ċ-ċiklu tipiku tad-disinn fis-settur tal-prodotti. Fl-aħħar nett, ir-robustezza tal-eżiti tiġi esplorata permezz ta’ analiżi tas-sensittività tal-parametri ewlenin.

Għall-validità tal-valutazzjonijiet u għall-valur miżjud tal-proposta leġiżlattiva li tirriżulta minnhom huwa importanti li l-metodoloġija tinżamm aġġornata. Il-metodoloġija attwali evolviet gradwalment maż-żmien permezz ta’ rieżamijiet perjodiċi, li kienu jinvolvu l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, u wasslu għal adattamenti perjodiċi.

Il-verżjoni attwali tal-MEErP ilha tintuża mill-2013³ u l-verżjoni attwali 3.06 tal-ġhodka Ecoreport ilha tintuża mill-2014⁴. Bħalissa għaddejja ħidma fuq rieżami li, fejn meħtieġ, se taġġorna d-*data* użata fl-analiżi u tiżgura li tibqa’ adatta għall-iskop tagħha, f’konformità mal-iżviluppi reċenti tal-politika. Il-proċess tar-reviżjoni qed jiġi ġestit miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u d-dettalji tal-proċess li għaddej u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati se jiġu ppubblikati⁵.

³ SWD(2012) 434 final:
<https://ec.europa.eu/docsroom/documents/9952/attachments/1/translations/en/renditions/pdf>

⁴ Studju dwar l-effiċjenza tal-materjali għall-MEErP (ippubblikat f’Diċembru 2013) disponibbli fuq:
https://ec.europa.eu/growth/industry/sustainability/sustainable-product-policy-ecodesign_en, Ghodka Ecoreport disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/5308/attachments/1/translations>

⁵ <https://susproc.jrc.ec.europa.eu/product-bureau/product-groups/521/home>